Fit-Tribunal tal-Konsumatur

Fl-atti tat-Talba CCT 182/18/F

Henning Brauer kif rappreżentat lokalment minn Fortunata Augusta sive Fortuné Bonello

vs

Goldcar Operations Limited

Illum, 2 ta' Ottubru 2023

It-Tribunal:

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar it-12 ta' Diċembru 2018;

Ra r-Risposta ppreżentata mill-azjenda intimata nhar il-25 ta' Frar 2019;

Sema' x-xhieda tal-partijiet bil-ġurament;

Ra d-dokumenti ppreżentati;

Sema' s-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

Ikkonsidra:

Illi fl-Avviż tat-Talba, ir-Rikorrent qed jitlob li l-azjenda intimata tiġi kkundannata tirrifondih is-somma ta' **disa mija u tlieta u għoxrin Euro u erba u disgħin ċenteżmu (€923.94)** li ġie mġiegħel iħallas meta l-karozza Peugeot 108 li huwa kera intimata żviluppat ħsara fil-*clutch* u b'hekk ma setgħatx tinstaq. Dan l-ammont kien ikopri l-prezz tas-servizz tat-*towing*, it-

tiswija tal-*clutch* imħassar, *damage administration charge* kif ukoll *loss of use* ta' jumejn imħassar skont ma jirriżulta mill-fattura eżebita. Jilmenta li l-*clutch* tal-karozza kien diġà mħassar meta din ġiet konsenjata lilu u li kien ġie mġiegħel jiffirma għal klawżola li tgħid li "*I hereby unconditionally agree to the charges made for the damages done to the car, during the time of the rental*" meta ġie t-*tow truck* biex jieħu l-karozza.

Illi permezz tar-Risposta tagħha, l-azjenda intimata eċċepiet illi it-talba tal-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt u tgħaddi biex tgħid li ladarba l-attur naqas milli jixtri l-prodott *Super Relax Cover* addizzjonalment, kellu japplika l-*excess amount* għal kull tip ta' ħsara, inkluż "*burnt clutches*" u "*breakdown*" li tokkorri tul il-perjodu tal-kirja. Għalhekk, issistni li c-*charges* kollha li ġew imposti kontra r-Rikorrent kienu skont it-*terms and conditions* u *damage repair price list* li huwa kien iffirma għalihom.

Illi t-Tribunal minn issa jikkummenta illi huwa ra t-*terms and conditions* li l-azjenda intimata kienet iġġiegħel lill-klijenti jiffirmaw mal-konsenja tal-karozza u jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-leġittimità ta' bosta minnhom fid-dawl ta' dak li tiddisponi l-Parti VII tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioè n-normattiva dwar *unfair contract terms*.

Illi fix-xhieda tiegħu, ir-Rikorrent jispjega illi huwa mar biex jiġbor il-karozza in kwistjoni mill-ajruport nhar il-25 ta' Diċembru 2017, kellu jistenna madwar siegħa biex jingħata d-dokumenti u ċ-ċwievet u minħabba l-ammont kbir ta' nies li kien hemm jistennew, il-proċess kien wieħed mgħaġġel u qajla kellu ħin sabiex jaqra u jifhem sewwa it-*terms and conditions* li kien jiffirma għalihom. Jgħid li l-ispezzjoni tal-vettura kienet biss waħda esterna u huwa kien assuma li kien ser jingħata vettura fi stat mekkaniku tajjeb. Hekk kif beda jsuq il-karozza induna li l-*clutch* kien qed jaqbad "*in the last moment*" u li kien hemm xi ħsejjes strambi meta ssuq il-karozza iżda kemm minħabba l-konfużjoni li kien hemm fl-ajrport kif ukoll minħabba l-fatt li kien mgħaġġel għal appuntament f'Malta dakinhar stess, baqa' sejjer bil-karozza u pprjana li jkellem lill-azjenda intimata l-għada. Ġara li aktar tard dakinhar, jew aħjar fis-siegħat bikrin tal-għada filgħodu, kien qed isuq fl-Iklin u kif ġie biex jitla' t-telgħa, il-karozza bdiet tiġbed lura u ma setgħetx tinstaq. Kien f'dan il-punt li kkuntattja lill-azjenda intimata dwar dak li kien ġara. L-għada intbagħat *tow truck* u l-opertur ippreżentalu fattura li tgħid li l-*clutch* kellu jinbidel. Jgħid li huwa kien kostrett jiffirma fuq dan id-dokument għax l-operatur qallu li jekk

ma jiffirmax, kienu ser jeħdolu d-depożitu kollu ta' €1,100 li kien ġiet awtorizzat fuq il-*credit card* tiegħu ma jagħtuhx *replacement car*. In kontro-eżami isostni li huwa impossibbli li jmur il-*clutch* wara li kien saq biss madwar 36km.

Illi n-narattiva tal-esponent dwar l-episodji fl-Iklin kif ukoll tat-*tow truck* ġew ukoll konfermati minn Fortunè Bonello, li kienet preżenti mar-Rikorrent, fl-affidavit tagħha.

Illi l-azjenda intimata ppreżentat affidavit ta' Tyrone Spiteri, l-operatur tat-*tow truck*. Spjega li huwa kien mar jiġbor il-vettura Peugeot 108 bin-numru ta' reġistrazzjoni KQZ-658 mill-Iklin. Il-vettura kienet wieqfa f'parti mit-triq li kienet għat-telgħa u l-vettura kellha riħa ta' *clutch* maħruq. In kontro-eżami, ikkonċeda li huwa jassumi jista' li r-Rikorrent kien saq il-karozza ħażin għax ma jkunx jaf għand min kienet qabel u lanqas ma jista' jikkonferma li l-*clutch* attwalment inħaraq waqt li r-Rikorrent kien qed juża l-vettura.

Illi ġie ppreżentat ukoll affidavit ta' Luke Milton li kien ukoll preżenti ma Tyrone Spiteri meta l-vettura ġiet miġbura mill-Iklin. Huwa ukoll ikkonferma li seta jħomm riħa ta' *clutch* maħruq. In kontro-eżami, stqarr li ma jiftakarx lir-Rikorrent qed jieħu l-karozza mill-parkeġġ tal-ajruport.

Illi t-Tribunal isibha kemmxejn stramba kif dawn ix-xewġ xhieda jgħidu li xammew riħa ta' *clutch* maħruq meta mill-provi joħroġ li l-karozza kienet ilha wieqfa għal kważi 18-il siegħa meta finalment intbagħat it-*tow truck* biex jiġborha mill-Iklin.

Illi fuq ordni tat-Tribunal, fit-18 ta' Jannar 2023 ġew ippreżentati *service logs* relattivi għall-vettura in kwsistjoni u ċioè dik bin-numru ta' reġistrazzjoni KQZ-658. Minn dan id-dokument jirriżulta li bejn is-27 ta' Novembru 2017 u t-3 ta' Jannar 2018, il-vettura kient skedata għal intervent "*clutch kit OEM/cleaning gearbox case*".

Illi l-verżjonijiet rispettivi tal-Partijiet f'din il-vertenza huma dijametrikament opposti għal xulxin. Il-Qrati taghna jghallmu li "il-konflitti ta' provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza ghandhiex teskludi lill-

ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant" (***Farrugia vs Farrugia***, Prim' Awla tal-Qorti Civili, 24 ta' Novembru 1966, Vol XXXVI, P.I, p.319). Fis-sentenza fl-ismijiet ***Adam Bugeja vs Charles Falzon et,*** (Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 23 ta' Ottubru 2013), il-Qorti tghid li "fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi , il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet."

Illi wara li qies u evalwa l-provi kollha prodotti mill-Partijiet, it-Tribunal iqis li fuq bażi ta' probabbilitajiet, il-verżjoni tar-Rikorrent hija dik l-aktar attendibbli u verosimili u jasal għall-konklużjoni li l-vettura in kwistjoni kienet diġà skedata għal intervent fuq il-*clutch* minħabba li kien wasal fl-aħħar tas-*service life* tiegħu iżda probabbilment minħabba d-domanda kbira għal karozzi fl-istaġun tal-Milied, l-azjenda intimata iddeċidiet li xortawaħda toħroġ din il-karozza għall-kiri. Dak li ġara wara huwa biss konsegwenza tad-deċiżjoni tal-azjenda intimata li toħroġ karozza għall-kiri meta kienet taf li din il-karozza kellha problema mekkanika li kienet tinħtieġ tiswija. Minn fuq, ippruvat tkopri l-ispejjeż tas-sostituzzjoni tal-*clutch* minn fuq il-klijent. Dan huwa aġir li jżur ma jsibx l-approvazzjoni tat-Tribunal.

Illi meqjusa ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, it-Tribunal sejjer ukoll jikkundanna lill-azjenda intimata sabiex tħallas lir-Rikorrent is-somma ta' mitejn Euro (€200) in linea ta' danni morali tenut kont l-inkonvenjenza kkawżata lilu konsegwenza tal-aġir tal-istess azjenda intimata u dan ai temini tal-Artikolu 21(2) tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta.

Deċiżjoni

Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi:

1)Jikkundanna lill-azjenda intimata sabiex tħallas lura lir-Rikorrent is-somma ta' disa mija u tlieta u għoxrin Euro u erba u disgħin ċenteżmu (€923.94);

2)Jikkundanna lill-azjenda intimata sabiex tħallas lir-Rikorrent is-somma ta' mitejn Euro (€200) in linea ta' danni morali tenut kont l-inkonvenjenza kkawżata lilu;

Spejjeż ta' dawn il-proċeduri ikunu a karigu esklussiv tal-azjenda intimata.

Avv. Mattia Felice
Arbitru